

Sistemi ta' approvazzjoni ġodda għall-interoperabbiltà u s-sikurezza ferrovjarja: Il-Coreper jagħti l-approvazzjoni tiegħu

Fit-30 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill ikkonferma ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew **dwar proċeduri aktar mgħaġġla u ta' anqas piż għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi u taċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza għall-ferroviji Ewropej**. L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA) ser ikollha rwol ewlieni f'dan. Flimkien, id-direttivi aġġornati dwar l-interoperabbiltà u s-sikurezza kif ukoll ir-regolament ERA jiffurmaw il-pilastru tekniku tar-raba' pakkett ferrovjarju.

"Li nikkonkludu ftehim dwar il-pilastru tekniku kien l-ewwel prijorità tal-presidenza Latvjana fil-qasam tat-trasport - u flimkien mal-partijiet kollha involuti ksibnieha", qal Anrijs Matīss, il-Ministru Latvjan għat-trasport. "Ir-riforma hija rispons għal talbiet mis-settur ferrovjarju Ewropew, li għandu rwol sostanzjali fl-ekonomija tal-UE u jgħin biex it-trasport isir aktar ekoloġiku. Il-ftehim ser inaqqas l-ispejjeż u l-burokrazija, u b'hekk ser jgħin settur li bħalissa qed jaffaċċja kompetizzjoni internazzjonali li qed tikber. Sistema effettiva għandha wkoll tikkontribwixxi għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa."

Rwol akbar għall-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea

Ir-riforma ser tagħti lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea rwol akbar **fiċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza tal-operaturi ferrovjarji u l-awtorizzazzjoni tal-vetturi ferrovjarji**. S'issa, meta manifattur ta' vetturi ferrovjarji xtaq ipoġġi vettura ġdida fis-suq f'diversi pajjiżi tal-UE, kellu jressaq applikazzjonijiet separati mal-awtoritajiet ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi. Is-sitwazzjoni kienet l-istess għall-operaturi ferrovjarji li jixtiequ jipprovdu servizzi f'diversi stati membri, peress li jeħtieġu ċertifikat li jagħti prova li s-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħhom hija konformi u huma kapaċi joperaw b'mod sikur.

Ir-regoli l-ġodda ser jeliminaw il-ħtieġa ta' applikazzjonijiet multipli. L-ERA ser toħroġ **l-awtorizzazzjonijiet kollha għal vetturi maħsuba għal operazzjonijiet transkonfinali u ċ-ċertifikati tas-sikurezza kollha lill-kumpanniji ferrovjarji li joperaw servizzi transkonfinali**. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza xorta ser jibqgħalhom rwol importanti fit-tweġġ tal-valutazzjonijiet meħtieġa.

Għall-vetturi u l-operaturi involuti **fit-trasport nazzjonali biss, l-applikant ser ikun jista' jagħżel** jekk l-applikazzjoni tiegħu tiġix ipproċessata u l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Aġenzija jew mill-awtorità nazzjonali.

L-ERA għandu jkollha wkoll rwol akbar fl-iżvilupp tas-**Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)**. Hija ser tivvaluta s-soluzzjonijiet tekniċi previsti qabel ma tinħareġ kwalunkwe sejħa għall-offerti relatata għat-tagħmir maġenb il-binarij tal-ERTMS, biex jiġi żgurat li l-proġetti żviluppati huma interoperabbli.

L-ERA ser tiegħu f'idejha l-kompiti ta' ċertifikazzjoni u awtorizzazzjoni tagħha fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. L-istati membri ser ikollhom sena addizzjonali biex ikomplu bis-sistema attwali jekk iqisu li dan ikun meħtieġ. F'dak il-każ, ikollhom jinfurmaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom u jipprovdu ġustifikazzjoni.

Proċeduri faċli u konsistenti

Biex il-proċeduri jkunu faċli u trasparenti, l-ERA ser tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni li ser jaġixxu bħala **punt ta' entrata waħda għall-applikazzjonijiet kollha**. F'każijiet fejn iż-żona ta' operazzjoni tkun limitata għal stat membru wieħed, l-applikant ser juża s-sistema biex jagħżel l-awtorità li huwa jixtieq li ttipproċessa l-applikazzjoni.

Dan il-"punt uniku ta' servizz" ser jippermetti kemm lill-Aġenzija kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza biex isegwu l-istadji differenti tal-applikazzjoni matul il-proċedura. L-ERA u l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza ser jikkonkludu wkoll **ftehimiet ta' kooperazzjoni**. Il-punt uniku ta' servizz u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni ser jiggwarantixxi distribuzzjoni ċara tal-kompiti bejn l-ERA u l-awtoritajiet nazzjonali. Ser jiżguraw ukoll il-konsistenza f'każ ta' applikazzjonijiet differenti għal awtorizzazzjonijiet jew ċertifikazzjonijiet simili. Is-sistema ta' punt uniku ta' servizz għandha tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-regolament.

Lejn żona ferrovjarja unika Ewropea

Din is-sistema ta' awtorizzazzjoni u ċertifikazzjoni aktar iċċentralizzata tqarreb lill-Ewropa lejn **żona ferrovjarja unika Ewropea**. Hija mistennija li żżid l-ekonomiji ta' skala għall-impreżi u l-manifatturi ferrovjarji mal-UE kollha. Hija ser tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u tħaffef il-proċeduri, waqt li jinżamm il-livell għoli attwali ta' sikurezza. Fl-istess ħin din ser tgħin biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni moħbija, b'mod partikolari kontra kumpaniji ġodda li jixtiequ jidħlu f'suq ferrovjarju.

Ir-regolament il-ġdid ser iwassal ukoll għal **tnaqqis sinifikanti fir-regoli nazzjonali** f'oqsma fejn qed tiġi introdotta regolamentazzjoni armonizzata fil-livell tal-UE.

Il-pilastru tekniku jstabbilixxi wkoll qafas ta' koordinazzjoni għal korpi nazzjonali ta' investigazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm il-livell għoli ta' indipendenza tagħhom. Ġew introdotti elementi ġodda ta' "kultura ġusta": pereżempju, il-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tanalizza dan l-approċċ fir-rigward ta' proposti futuri.

Miżuri oħra tal-pakkett ferrovjarju li għadhom qed jiġu diskussi

Ir-raba' pakkett ferrovjarju jinkludi wkoll **pilastru tas-suq**, bi proposti biex jiġu liberalizzati s-servizzi domestiċi tal-passiġġieri ferrovjarji u li tissaħħaħ il-governanza tal-manijers tal-infrastruttura. Il-presidenza li jmiss tal-Lussemburgu għandha l-għan li tilħaq approċċ ġenerali dwar iż-żewġ proposti li fadal f'Ottubru. Approċċ ġenerali dwar il-proposta dwar in-normalizzazzjoni tal-kontijiet kien diġà ġie adottat f'Diċembru 2014.

- [Proposti tekniċi](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press